**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 29 ta' Mejju 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTONELLO MAGRI)**

**VS**

**LOUIS TONNA**
(K.I. NRU. 268480M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Louis Tonna** detentur tal-karta tal-Identitá Nru 268480M imwieled il-Pietá nhar il-31 ta' Mejju 1980 bin Alfred Tonna u Vincenza nee' Azzopardi u residenti fi 76, Triq San Klement, Żejtun u akkużat talli nhar is-26 ta' Mejju 2025 u fil-ġranet, ġimgħat u x-xhur ta qabel ġewwa dawn il-Gżejjer

1. Ikkaġuna biża lil Natalie Tonna (l-mara tiegħu) li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-

propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra l-omm u/jew fil-preżenza ta' minuri

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Natalie Tonna (mara tieghu).

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Louis Tonna għall-benefiċċju ta' Natalie Tonna u dan ai termini ta' artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Natalie Tonna dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat u l-parte ċivile ilhom miżżewġin għal numru konsiderevoli ta' snin u għandhom ukoll tifla minuri bejniethom. Sfortunatament jidher li dan iż-żwieġ żviluppa xi diffikultajiet f'dawn l-aħħar xhud u dakinhar tal-inċident, il-parte ċivile kienet qed tipprepara biex tmur għand oħta. X'ħin ra hekk, l-akkużat beda jheddidha u anke kisser xi affarijiet fil-preżenza tagħha. Il-parte ċivile ħarġet mid-dar u daħlet fil-karozza tagħha iżda l-akkużat baqa' jsegwiha u anke kkaġuna ħsara fil-vettura tagħha.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tiegħu, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużat ilu żmien twil ma jxellef difrejħ mal-ġustizzja u li dan kien inċident ta' darba tul is-snin kollha li ilhom miżżewġin. Il-Qorti semgħet ukoll li l-*parte ċivile* ma tixtieqx li l-akkużat jingħata piena karċerarja iżda tixtieq li ma jkellimhiex u li dan l-inċident ma jerġax jirrepeti ruħu. Illi l-akkużat skuża ruħu wkoll quddiem il-Qorti u fehem illi episodji bħal dawn m'għandhom qatt iseħħu, tkun xi tkun ir-raġuni.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni iżda waħda rijabilitattiva.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251(3); 251H; 251HA, 202(h) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Louis Tonna <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien **<u>sentejn (2)</u>** mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati **Louis Tonna** u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment, liema Ordni ta' Trattament għandu jkun għall-perjodu ta' sentejn mil-lum;

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħati a favur ta' **Natalie Tonna** għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**